22003D0129

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 129/2003

tas-26 ta' Settembru 2003

li temenda l-Anness XX (L-ambjent) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XX mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 93/2003 tal-11 ta' Lulju 2003 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/241/KE tas-26 ta' Marzu 2003 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/391/KE tal-31 ta' Mejju 1999 li tirrigwarda l-kwestjonarju li għandu x'jaqsam mad-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE li tirrigwarda l-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġiż (l-*IPPC*) (l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE) ([2]), trid tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Dan li ġej għandu jiġi miżjud mal-punt 2h (id-Direttiva tal-Kunsill 1999/391/KE) fl-Anness XX mal-Ftehim:

"kif emendata bi:

– **32003 D 0241**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/241/KE tas-26 ta' Marzu 2003 (ĠU L 89, tal-5.4.2003, p. 17)."

Artikolu 2

Għandhom ikunu awtentiċi t-testi tad-Direttiva 2003/241/KE fl-ilsien Islandiż u l-ilsien Norveġiż, li jridu jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE mal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-27 ta' Settembru 2003, sakemm in-notifiki kollha skond l-Artikolu 103 tal-Ftehim ikunu ġew magħmula lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 272, tat-23.10.2003, p. 29.
([2]) ĠU L 89, tal-5.4.2003, p. 17.
(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġiet kostituzzjonali.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-taqsima ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* u fis-Suppliment għaż-ŻEE tiegħu.

Magħmula fi Brussel, fis-26 ta' Settembru 2003.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

H. S. H. PRINZ NIKOLAUS von LIECHTENSTEIN